MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**

Pjazza Menqa, Msida

Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424

www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| Riferenza: | | Minuti tas-Seduta 47/K7/2016 |
| Data: | | It-Tlieta, 27 ta' Lulju 2016 |
| Post: | | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | | Il-laqgħa bdiet fil-17:30 |
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Dr Alex Sciberras<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sjra Karen Camilleri |
| Skużati : | | Matthew Mangion – Chairman KAS |

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Skeda ta’ Hlasijiet
4. Restizzjoni Finanzjarja mid-DLG
5. Festa San Guzepp – Post Mortem
6. Affarijiet ohra
7. Aġġornament

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | **Approvazzjoni tal-Minuti**<br><br>Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Nru 46<br>Il-Minuti ġew approvati. | Approvazzjoni tal-Minuti |
| 2. | Il-Kunsillier Alan Abela Wadge infurma lill-membri li se jkun qed johrog mil-laqgha fis-6.30p.m. minhabba mpenji personali. | |
| 3. | Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li jigi diskuss Punt Nru 4 tal-Agenda, kif hemm il-kunsilliera kollha prezenti.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius ssekonda | |
| 4.<br><br>3003 | **Restizzjoni Finanzjarja mid-DLG**<br><br>Dr Alex Sciberras spjega li fil-fatt il-Kunsill ghandu quddiem is-sitwazzjoni finanzjarja sal-ahhar tas-Sena 2015 vis a vis din is-sena. Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li ma jistax ikun li l-Kunsill jiddiskuti affarijiet li mhux kulhadd huwa nfurmat bis-sitwazzjonijiet. Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li issa, kif inhuma l-affarijiet, il-kunsilliera ma setghux ihallu kollox ghaddej.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li kien hemm sitwazzjoni li ntaghzel kuntrattur li ntaghzel ghas-servizz minkejja li ma kinitx l-ohros offerta.<br><br>Dr Alex spjega li l-Accounts tal-Kunsill jinhadmu fuq bazi ta' Accruals u meta qed nitkellmu fuq Cash Budget vs l-Allokazzjoni, it-80,000 johorgu bhala Committed.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li min ghandu idea ta' Accounts, din is-sitwazzjoni finanzjarja qed tindika bidu ta' falliment. | |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsillier Matthew Agius qal li jekk il-Kunsill ghandu sitwazzjoni finanzjarja mwieghra, huwa mportanti li meta jigi biex jinghata Kuntratt, il-Kunsill ghandu jara l-prezzijiet. Il-Kunsillier Matthew Agius semma' l-kwistjoni tal-gbir tal-borza s-sewda nhar ta' Gimgha.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li l-Kunsill m'ghandu l-ebda monument tax-xoghol li sar u din hija l-problema.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius fisser li hemm tenders skaduti u l-Kunsill ghandu jara li meta jasal ghal decizjoni tigi kkunsidrata wkoll is-sitwazzjoni finanzjarja.<br><br>Is-Sindku fissret li l-Kunsill zied is-servizz tal-knis hdejn il-Junior College u l-knis tax-Xatt u minhabba dan is-servizz extra, l-Kunsill tghabba b'piz finanzjarju.<br><br>Il-Kunsillier Manuel Brincat spjega li l-Kunsill ghandu jara s-sitwazzjoni finanzjarja as at 31st December 2015 u jqabbilha mas-sitwazzjoni finanzjarja as at 30th June 2016.<br><br>Dr Alex Sciberras spjega li d-dhul tal-Kunsill zdied b'€54,000. Minkejja dan id-dhul finanzjarju xorta kien hemm telf ez: fir-Repair & Upkeep kien hemm nefqa ta' €13,000 aktar minn dak budgeted.<br><br>Dr Alex Sciberras spjega li l-akbar nefqa kienet fil-Contractual Services fejn hemm spiza kbira fosthom fil-Gbir tal-iSkart fejn l-ispiza minn €80,000 telghet ghal €110,000.<br><br>Dan jirrifletti wkoll fil-Kuntratt tal-iStreet Lighting fejn l-ispiza minn € 14,858 l-ispiza matul is-sena 2015 telghet € 39,855. Fl-Administration kien hemm zieda ta' €21,000.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li kien hemm decizjonijiet li ttiehdu hazin. | |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Vici Sindku, Dr Alex Sciberras kompla jispjega li l-kuntratti tat-tindif u l-iStreet Lighting zdiedu bi € 52,000.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li r-resident, meta se jisma', se jistaqsi fejn marru dawn il-flus u hu mhux kapaci jwiegeb.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li anke l-ghaqdiet, inghataw hafna flejjes. Il-Kunsillier Matthew Agius qal li huwa aktar utli li tinvesti fl-ghaqdiet milli nagevolaw kuntratturi bi spejjez li setghu kienu koperti b'kuntratti li joffru l-istess servizz b'inqas spejjez.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab konferma jekk l-ittra ta' Direzzjoni mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, hux qed torbot lill-Kunsill milli jonfoq. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li l-unika spiza li tista ssir hija dik rikorrenti, jigifieri l-Kuntratti u l-Pagi tal-impjegati.<br><br>Il-Kunsillier Alan Abela Wadge issuggerixxa li tintbaghat ittra lill-ghaqdiet dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.<br><br>Is-Sindku ssuggeriet li l-Kunsill jiltaqa' mal-Accountant tal-Kunsill sabiex jinhadem pjan ta' hidma.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius ssekondat mill-Kunsillier Charles Selvaggi sahqu li huwa importanti li jitqabbdu l-green wardens forsi tissolva l-problem tar-rimi ta' skart. L-Agent Segretarju fakkret li l-flus li jingabru mic-citazzjonijiet mhux se jidhlu fl-accounts tal-Kunsill izda ghand il-Kumpanija LESA. Il-Kunsillier Matthew Agius spejga li meta sar l-ezercizzju ta' tlett xhur kien hemm it-tgergir izda l-hmieg naqas. | |
| 2. | Punti Mqajjma mill-Minuti<br><br>Punt 2077 Is-Sindku nfurmat li bhalissa l-Kunsill qed jilqa' l-applikazzjonijiet ghall-post ta' Segretarju Ezekuttiv, liema vakanza taghlaq fil-5 t'Awwissu 2016. | 2077 – Segretarju Ezekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sindku pproponiet li jinhatar il-Bord tal-Ghazla. Il-Kunsillier approva li l-Bord ikun kompost, mis-Sindku bhala Chairperson, il-Kunsilliera Maurice Agius u Lino Bartolo bhala Membri u l-Agent Segretarju Ezekuttiv se sservi bhala Segretarju tal-Bord. Is-Sindku proponiet li jiddahhal persuna minn barra l-Kunsill bhala membru, ezempju Segretarju Ezekuttiv ta' lokalita ohra jew persuna kompetenti. Sar qbil li tinhatar is-Sinjura Marita Portelli bhala Membru tal-Bord. | |
| | Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li issa d-decizjoni ttiehdet izda huwa fatt li Rue D'Argens tnehhew il-parking bays, hemm bosta residenti anzjani li qed jistennew li jkunu mghobbija x'xi xirja u jaqilghu daqqa ta' karozza. Il-Kunsillier Charles Selvaggi sahaq li b'din l-inizzjattiva r-residenti ma gwadanjaw xejn hlief sewqan sfrenat u huwa ferm importanti li f'dan l-istadju l-pedestrian crossing ticcaqlaq jew ahjar jigu nstallati Pelican Lights.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius qal li huwa mportanti li ssir zebra crossing ohra, halli l-areas kollha jkunu milhuqa. | Punt 2078 - Caqliq ta' Pedestrian Crossing |
| | Is-Sindku nfurmat lill-membri li pprezentat talba quddiem Transport Malta sabiex jinghata permess lir-residenti sabiex jipparkjaw tul Rue D'Argens matul il-lejl.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius spjega li anke l-businesses qed ibatu ghax it-trakkijiet mhux jithallew ihottu. Anke l-Pulizija qed icaqilquhom. Il-Kunsillier Maurice Agius issuggerixxa li l-Un/Loading Bay ticcaqlaq.<br><br>Il-Vici Sindku, Dr Alex Sciberras spjega li l-Kappara Junction mhux se tkun maghluqa.<br><br>Il-Kunsillier Emanuel Brincat staqsa x'inhi r-raguni li qed jitwahhlu | Punt |

| | | |
|---|---|---|
| | CCTV cameras. Il-Kunsillier Maurice Agius qal li jaqbel ma din l-inizzjattiva u lest jaghti permess sabiex iwahhluhom mal-faccata tar-residenza tieghu.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li huwa ma jaqbilx ma din is-sitwazzjoni. Is-Sindku nfurmat li kien hemm diffikulta bit-tnehhija tal-parking tul Triq ix-Xatt Ta' Xbiex u attendiet meeting urgenti fid-9.30p.m. u saret insistenza biex ma jitnehhix il-parkegg kollu, u fil-fatt dan is-suggeriment ittiehed minn TM u l-parkegg ta' tnehhiex kollu.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi spjega li nhar is-Sibt innota li kien hemm parking bays vojta hdejn il-monument u ghaldaqstant ma setax jidentifika l-problema tal-AVIS.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx konferma li Rue d'Argens mhux se tibqa kif inhi fil-prezent?<br>Staqsa wkoll jekk hux se tigi identifikata zona ta' parkegg ghar-residenti ta' Rue d'Argens. Is-Sindku nfurmat li diga qed isiru tahdidiet mal-Knisja. Il-Kunsillier Lino Bartolo qara korrispondenza ipprezentata mill-Kurja, fejn dawn qed jitolbu xi tip ta' kumpens ghall-uzu tal-parkegg tal-Knisja. Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni li galadarba hemm il-Kunsillier Lino Bartolo involut f'din il-kwistjoni, jhoss li m'ghandux ghalfejn jinvolvi ruhu. Il-Kunsillier Lino Bartolo infurma lill-membri li se jitkellem mas-Sur Ray Bonnici, l-Liasion Officer fi hdan il-Kurja.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni li din hija art pubblika tal-Misidjani u mhux tal-Knisja.<br><br>Is-Sindku nfurmat li kopja tal-korrispondenza tal-Kurja ntbghatet ghall-attenzjoni tal-Perit Conti, fi hdan Transport Malta. | |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li qed issir diskriminazzjoni bejn ir-residenti tal-lokalita' u ohra. Is-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Brincat spjegat li l-Kunsill ghandu jistenna ftit iehor, sakemm tigi ffinalizzata l-Policy minn Transport Malta.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius qal li l-Kunsill ghandu jaghmel il-pressjoni kollha necessarja ghaliex ir-residenti qed jigu stmati second class. Il-Kunsillier Matthew Agius qal ukoll li l-Kkusnill ghandu jiehu pozizzjoni u jiehu stand. Is-Sindku qalet li ftit ilu kitbet lic-Chairman ta' Transport Malta, s-Sjra Audrey Testaferrata de Noto u r-risposta taghha kienet konferma li l-Kunsill Lokali Msida kellu applikazzjoni pendenti quddiem l-Awtorita', liema applikazzjoni tinsab on hold sakemm tigi ffinalizzata l-Policy ta' Residents' Parking Scheme fuq skala nazzjonali.<br><br>Is-Sindku qrat il-korrispondenza li giet mghoddija ghall-attenzjoni tal-Perit Conti.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius qal li huwa mportanti li l-Gwardjani Lokali jigu nfurmati biex ma jharrkux. Il-Kunsillier Charles Selvaggi ssuggerixxa li r-residenti jigu nfurmati sabiex jekk jaqilghu citazzjoni jikkuntattjaw lill-Kunsill. | 2085 – Residents' Parking Scheme fl-Imsida |
| | Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li dakinhar li gie organizzat Mertu Msida ma kienx opportun li jinqara r-rapport tal-Bord, fic-cirkustanzi li ma nghatax il-Mertu. Il-Kunsillier Matthew Agius ssekonda dan kollu u gibed l-attenzjoni li mhux etika. Il-Kunsillier Lino Bartolo spjega li r-rapport dejjem jinqara anke f'kazi li ma jinghatax il-Mertu. Il-Kunsillier Romina Galea gibdet l-attenzjoni li facli tikkritika wara li tkun ghaddiet l-attivita'. Il-Kunsillier Lino Bartolo qal li hu ma qabilx mal-mod ta' kif gie mhejji r-rapport mill-Bord, izda kull sena jinqara. Il-Kunsillier Matthew Agius qal li l-wording kien in appropjat. Il- | 2093 – Mertu Msida |

| | | |
|---|---|---|
| | Kunsillier Matthew Agius issuggerixxa li meta jkun hemm aktar min-nomina wahda, jinqraw in-nomini kollha u fil-kaz tar-rebbieh, tinqara biss parti mir-rapport tal-Bord.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius qal li tal-Busy Bee m'attendewx ghaliex kienu nfurmati li ma nghatawx il-Mertu.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li l-Kunsill ghandu jissalvagwardja l-Kunsillier bhala Ufficcjal Pubbliku. | 2097 - Vandalizmu mal-propjeta tal-Kunsillier Maurice Agius. |
| | **Punti Mqajjma mill-Minuti 45**<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni dwar il-kanal fi Triq it-Tabib Naudi, fejn hemm dizastru shih. Huwa mportanti li jsir il-patching mehtieg.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius issuggerixxa li jintbaghat avviz lir-Residenti ta' Triq Zammenoff.<br><br>Il-Kunsillier Lino Bartolo qal li dwar il-Ktieb ta' Fr Joe jehtieg li jigu rrangati xi dettalji mill-1988 'l quddiem. Il-Kunsillier Maurice Agius qal li l-Kunsill ghandu joqghod attent ghaliex il-familja Calleja approva r-reprint tal-Ktieb u mhux li jigi emendat.<br><br>Is-Sindku, ssuggeriet li t-Tieni Volum tal-Ktieb ghandu jsir minn Awtur iehor u l-originali jibqa' kif inhu.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Agius gibed l-attenzjoni tal-membri li l-Kunsill qed jiddiskuti fuq xi haga li ghalissa ma tistax issir ghaliex fondi m'hemmx. Il-Kunsillier Matthew Agius issuggerixxa li idealment ir-reprint issir mal-print tat-tieni volum biex b'hekk ikun hemm | |

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| | kontinwita'. Il-Kunsillier Maurice Agius qal li s-Sindku kienet diga pproponiet awtur ghat-tieni volum. Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa jekk hux possibli jkun jaf min hu l-awtur propost. Is-Sindku kkonfermat li hi kienet issuggeriet lis-Sjra Liliana Risiott.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa meta se jinzamm il-Kors ta' First Aid. Is-Sindku qalet li dan il-kors se jinzamm ghal Settembru. Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab kopja tal-Quotations li ngabru.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li jintbaghatu l-Pulizija jissorveljaw Triq Gemma Portelli.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni li hdejn l-iskola hemm Crane ipparkjat ilu hemm aktar minn xahar.<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk il-Fanal ta' hdejn Arcidiacono twahhalx. Il-Kunsilliera Lino Bartolo u Emanuel Brincat ikkonfermaw li dan ghadu ma twahhalx.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar il-blokka ta' quddiem il-Football Club, fejn saret verifika mal-website tal-Planning Authority u ma nstabet l-ebda applikazzjoni. Il-Kunsillier Lino Bartolo qal li huwa nfurmat li l-Football Club ressqu applikazzjoni ghal Sanction fid-9 ta' Gunju 2016. Is-Sindku nfurmat li kien hemm haddiehor li ha l-ligi b'idejh. Il-Kunsillier Romina Galea gibdet l-attenzjoni li hemm min qed jiftahar li se jaghmel anke tinda. | |
| | | |
| . | **Skeda ta' Hlasijiet**<br><br>L-Agent Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-Mejda l-Iskeda ta' Hlasijiet ghall-approvazzjoni tal-Membri.<br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk hux lok li jibqghu jinxtraw il- | |

| | | |
|---|---|---|
| | Gazzetti, li hija spiza frivola. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill approva li l-Gazzetti ma jinxtrawx aktar mill-1 t'Awwissu 2016.<br><br>Il-Pagamenti gew approvati. | |
| | Festa San Guzepp – Post Mortem<br><br>Is-Sindku nfurmat li b'mod ingenerali l-Festa marret tajjeb.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi gibed l-attenzjoni li kien hemm hafna postijiet tal-kiosks vojta. Is-Sindku nfurmat li kien hemm hanut partikolari li ghamel BBQ kontra r-regolamenti. Ghaldaqstant gie deciz li l-Garanzija ma tinghatax lura.<br><br>Is-Sindku nfurmat li certu Michael Fava applika ghall-permess ghall-imwejjed u siggijiet u ghall-permess biex jarma mejda bar quddiem Rock Vegas u dan halla l-hanut maghluq u minflok qabad u rama gabbana, kontra l-ligi. Il-Kunsill iddecieda li l-Garanzija ma tinghatax lura.<br><br>Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma li Cafe Giuseppe spicca jorganizza Parties fil-bar tieghu, fejn ir-residenti sofrew minn bosta storbju matul il-gimgha kollha tal-festa. Is-Sindku nfurmat li l-azzjoni kellha tittiehed mill-Pulizija.<br><br>Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma li kien hemm abbuz bl-armar tal-imwejjed u siggijiet, fejn bosta hwienet hargu ferm aktar minn dak li applikaw ghalih. Ezempju car kien Solo Pizza fejn minn 8 imwejjed rama 24 mejda!<br><br>Il-Kunsillier Maurice Agius issuggerixxa li jitwabbad photographer u jigbed ir-ritratti mehtiega sabiex il-Kunsill ikollu prova u b'hekk | |

| | | |
|---|---|---|
| | tinzamm il-garanzija. Il-Kunsillier Emanuel Brincat issuggerixxa li tintbaghat korrispondenza lill-hwienet kollha fejn il-Kunsill jinfurmahom li din is-sena kien hemm min kiser il-kundizzjonijiet u ghaldaqstant is-sena d-diehla se ssir verifika u jekk ikun hemm abbuz, il-garanzija se tinzamm.<br><br>Il-Kunsillier Lino Bartolo talab li l-Kunsill jigbed l-attenzjoni tal-Ghaqda tan-Nar, ghaliex ghaddiet gimgha mill-festa u l-gnien baqa' mizbla. Il-Kunsillier Maurice Agius gibed l-attenzjoni li f'dan il-kaz ghandha tinzamm il-garanzija wkoll. | |
| | **Korrispondenza**<br><br>Cirkulari 8/12 – Skema Ghajnuna ghal-Libreriji<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi gibed l-attenzjoni jekk il-Kunsill jistax japplika ghal din l-iskema galadarba hemm restrizzjoni finanzjarja. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill mhux obbligat jaghmel spejjez, izda d-DLG se jigwida zgur lill-Kunsill.<br><br>Memorandum of Agreement – Haddiema ETC<br><br>Is-Sindku spjegat li l-Kumpanija/Gvern Centrali qed jipproponu Performance Bonus ghall-impjegat taht din l-iskema. Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk dan jistax isir minhabba r-restrizzjoni finanzjarja.<br>L-Agent Segretarju Ezekuttiv spejgat li dan il-Performance Bonus jinghata fl-ahhar tas-sena u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jimxi gurnata b'gurnata.<br><br>Talba ghall-attivita mill-Msida Football Club. Il-Kunsill approva li johrog il-Permess skont il-Kundizzjonijiet mahruga mill-Pulizija. | |

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| | 1242 – Is-Sur Ray Zammit minn LESA nfurma li se jaghmel meeting mal-Kumpanija nvoluta ghaliex minkejja l-fatt li kellmuhom, dawk baqaghu jaghmlu li jridu.<br><br>1215 – Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa x'inhi l-problema tas-Sur Agius. Is-Sindku nfurmat li qed jilmenta minhabba l-iskart. Fuq dan l-ispunt il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li hu attenda ghas-Serata organizzata minn Greenpak, fejn l-Imsida ma gietx innominata. Il-lokalita' la qeghda l'isfel u lanqas 'l fuq, imma hemm lok ghal moviment. Il-Kunsillier Maurice Agius infurma li waqt is-serata s-CEO ta'Greenpak qal li bhala miri nazzjonali ghandna lura hafna u enfasizza ghal aktar moniteragg tal-kolletturi. | |
| | **Hwejjeg ohra**<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li dan l-ahhar sar twaqqigh ta' bini fi Triq l-Iskola k/m Triq Tal-Qroqq u l-kuntrattur qala s-sinjal tat-traffiku. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma li se jkun qed jiehu hsieb jinfurma lill-Contracts Manager.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma li fi Triq il-Wied saru l-Lights izda dawn ghadhom mhux qed jiffunzjonaw. Sabiex tingibed l-attenzjoni ta' Transport Malta.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li jsiru Tabelli li jindikaw id-Doggy Bins.<br><br>Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li jsir refreshing tal-marki tat-traffiku fi Triq Sant'Andrija. Il-Kunsillier Emanuel Brincat ikkonferma li x-xoghlijiet mistennija jsiru fil-bidu ta' Settembru. | |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma li fi Triq C. Brockdorf hemm hanut tal-wines & Spirits li qed johrog l-iskart f'kull hin tal-gurnata. Il-Kunsillier Selvaggi ppropona li l-Kunsill jidentifika zona u jmorru zewg rapprezenanti mill-Kunsill u jkellmu lir-residenti face to face. | |
| | Il-Vici Sindku, Dr Alex Sciberras talab li jkun skuzat mil-laqgha. Hu hareg fi 20: 25<br><br>Il-Kunsillier Emanuel Brincat talab li jkun skuzat mil-laqgha. Hu hareg fi 20: 25 | |
| | Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma lill-membri li l-kuntrattur ta' Towergate Str k/m Triq Tal-Qroqq baqa' ma hallasx il-permessi mehtiega. Is-Sindku nfurmat li se jsir meeting mal-kuntrattur sabiex tinstab soluzzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Lino Bartolo ppropona li jigu nstallati 2 floodlights sabiex idawwlu l-Kappella. Il-Kunsillier Charles Selvaggi ppropona li l-Kunsill ikellem lil Heritage Malta. | |
| | **Aġġornament**<br><br>Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 30 t'Awwissu 2016, fil-5.30p.m. Il-laqgħa ntemmet fit-20:35 | |
| | | |

Minuti approvati llum ____________________________________

Margaret Baldacchino Cefai — Karen Camilleri
Sindku — Aġent Segretarju Eżekuttiv